21984A0626(02)

IL-FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u Barbados, Belize, ir-Repubblika tal-Poplu tal-Kongo, Fiġi, ir-Repubblika Kooperativa tal-Gujana, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika Demokratika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, Mauritius, ir-Repubblika ta'Surinam, ir-Renju ta' Swaziland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanja, it-Trinidad u t-Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żimbabwe u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju dwar l-adeżjoni tal-pajjiż imsemmi l-aħħar mal-Protokoll 7 taz-zokkor tal-ACP anness mat-Tieni Konvenzjoni tal-ACP-KEE

Ittra Nru 1

Sinjur,

Il-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku li ssir riferenza għalihom fil-Protokoll 7 taz-zokkor tal-ACP anness mat-Tieni Konvenzjoni tal-ACP-KEE, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ekonomika Ewropea ftehmu fuq dan li ġej:

Ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju hija permezz ta' dan il-ftehim inkluża f'Artikolu 3(1) tal-imsemmi Protokoll b'effett mill-1 ta' Lulju 1983 bi kwantita' miftehma immedjata ta' 2 000 tunnellata metrika (il-valur tal-parti bajda).

Inkunlek rikonoxxenti jekk tgħarrafni meta tircievi din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-ACP hawn fuq imsemmija u l-Komunità.

Jekk jogħġbok, Sinjur, aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Kunsill
tal-Komunitajiet Ewropej

Ittra Nru 2

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċievejt l-ittra tiegħek datata llum li taqra hekk:

"Il-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku li ssir riferenza għalihom fil-Protokoll 7 taz-zokkor tal-ACP anness mat-Tieni Konvenzjoni tal-ACP-KEE, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ekonomika Ewropea ftehmu fuq dan li ġej:

Ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju hija permezz ta' dan il-ftehim inkluża f'Artikolu 3(1) tal-imsemmi Protokoll b'effett mill-1 ta' Lulju 1983 bi kwantita' miftehma immedjata ta' 2 000 tunnellata metrika (il-valur tal-parti bajda).

Inkunlek rikonoxxenti jekk tgħarrafni meta tircievi din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-ACP hawn fuq imsemmija u l-Komunità."

Għandi l-unur nikkonferma l-ftehim tal-Gvernijiet tal-Istati tal-ACP li ssir riferenza għalihom fl-ittra tiegħek mal-kontenut tagħha.

Sinjur, jekk jogħġbok,, aċċetta l-garanzija tal-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvernijiet